**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**

*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 04/2026**

**Laqgħa Numru 04**

16 ta' April, 2026

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Ħamis, 16 ta' April 2026 fl- 4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku

Martin Vella - Kunsillier

Rita Gatt - Kunsilliera

Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 04 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **04.01.01** | Intbagħtet ittra ta' apoloġija min-naħa tal-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammet, fejn skużat ruħha li ma setgħetx tattendi għal din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 04.02.01 | Il-minuti tas-seduta numru 03/2026 ġew approvati mill-Kunsilliera Rita Gatt u ssekondati mill-Kunsillier Martin Vella.<br><br>Wara, il-Kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni li fil-punt 03.03.11 għandu jiżdied li hija kienet talbet permess sabiex tagħmel "bouncing castle". |
| **04.03** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 04.03.01 | Is-Sindku Marco Agius beda l-komunikazzjoni billi qal li l-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira kienu ta' suċċess, u qablu li s-sena d-dieħla, jekk ikun hemm l-opportunità, terġa' ssir il-wirja li ttellgħet fil-binja tal-Kunsill. |
| 04.03.02 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi ddiskuta suċċess ieħor li kellu l-Kunsill waqt ir-riċeviment tal-Għid. Il-Kunsilliera qablu li s-sena d-dieħla l-għaqdiet Bormliżi għandhom jistiednu lill-kumitat kollu. |
| 04.03.03 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi informa lill-Kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu flimkien ma' Heritage Malta, fejn ġew diskussi kotba interessanti relatati ma' Bormla għal età żgħira.<br><br>Dawn il-kotba tqiesu bħala interessanti ħafna tant li l-Kunsilliera ddiskutew il-possibbiltà li jingħataw waqt il-ftuħ tal-iskejjel minflok lapsijiet u pitazzi, kif ukoll il-possibbiltà li jingħataw lit-tfal li jattendu l-mużew ġewwa Bormla. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera approvaw ukoll li l-Kunsill għandu jinvesti f'dawn il-kotba u, jekk ikun hemm il-possibbiltà li jiġu ppubblikati kotba dwar Bormla, qablu li jimxu 'l quddiem b'din l-inizjattiva. |
| 04.03.04 | Is-Sindku Marco Agius informa li saret laqgħa pubblika nhar it-Tnejn, 13 ta' April, fejn dawk li attendew ġew infurmati dwar l-attivitajiet u l-proġetti li se jsiru matul is-sena 2026, kif ukoll ix-xogħol li diġà twettaq. |
| 04.03.05 | Is-Sindku Marco Agius kompla jiddiskuti dwar laqgħa oħra li kellu mal-organizzaturi li se jorganizzaw skultura tar-ramel fil-Baċir. Ġie diskuss li x-xogħol jibda fis-7 ta' Ġunju u jitlesta sal-23 ta' Ġunju.<br><br>Ġiet ukoll ikkunsidrata l-possibbiltà li l-installazzjoni tibqa' fil-Baċir għal perjodu itwal, iżda hemm il-possibbiltà li jkollha titneħħa qabel minħabba ċerimonja ta' gradwazzjoni tal-American University of Malta. Din il-kwistjoni ser tiġi kkonfermata aktar 'il quddiem. |
| 04.03.07 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi avża dwar il-konferenza li saret fi Pjazza KMB, fejn ġie mħabbar li l-pjazza se tiġi mmodernizzata.<br><br>Il-fondi għal dan il-proġett qed jiġu mill-National Development and Social Fund. |
| 04.03.08 | Is-Sindku Marco Agius iddiskuta laqgħa oħra li kellu rigward il-kelma "Bormla" li tinsab fuq il-ħaxix ħdejn il-Baċir. Ġie spjegat li l-kelma ma tistax tiġi installata direttament fuq it-turf minħabba li taħtu hemm servizzi infrastrutturali u jista' jseħħ ħsara, inkluż il-possibbiltà ta' ksur ta' pajpijiet.<br><br>Għaldaqstant ġie ssuġġerit li l-installazzjoni tibqa' fuq platform, u li ssir hedge madwarha sabiex il-platform ma tkunx viżibbli. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.<br><br>Madankollu, se ssir laqgħa oħra mad-Dipartiment tal-Public Works,u l-Kunsill se jiġi aġġornat kif se jimxi 'l quddiem. |

| | |
|---|---|
| 04.03.09 | Is-Sindku Marco Agius xtaq li jiġi diskuss is-servizz għaż-żjarat tal-anzjani lejn l-isptar. Wara diskussjoni, intlaħaq qbil li wieħed mill-vannijiet jibda joffri servizz lejn Bormla u Ċensu Moran, filwaqt li vann ieħor jintuża għat-trasport lejn l-Isptar u San Vinċenz de Paul.<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta, u għalhekk ser jiġu infurmati d-dipartimenti rilevanti sabiex dan is-servizz ikun jista' jiġi implimentat. |
| 04.03.10 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera dwar laqgħa li saret ma' żviluppatur ta' websites sabiex tinħoloq website għall-Cospicua Short Play Festival.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li għandna mexxu 'l quddiem, peress li din kienet inizjattiva mixtieqa għal żmien twil, u li permezz tal-website l-festival jista' jkompli jikber u jissaħħaħ. |
| 04.03.11 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi informa li kellu kuntatt ma' Mr Psaila, li jdoqq mużika oriġinali tiegħu, u li wera x-xewqa li l-Kunsill jidentifikalu post fejn ikun jista' jibda jdoqq.<br><br>Il-Kunsilliera ssuġġerew u qablu li jista' jdoqq quddiem Cafe Rouge, ħdejn il-kelma "Bormla". |
| 04.03.12 | Residenta bagħtet l-ilment tagħha permezz ta' imejl fejn talbet li ssir zebra crossing sabiex taqbad Triq Alessandra, Triq Verdala u Triq il-Kottonera.<br><br>Il-Kunsilliera ma qablux mal-proposta tagħha minħabba li l-Kunsill diġà applika ma' Transport Malta għal zebra crossing ħdejn il-ground ta' Peppi Delceppo. Għaldaqstant, ser issir zebra crossing biss mhux fejn proponiet din ir-residenta. |
| 04.03.13 | Email oħra mingħand is-Sur Caruana fejn talab permess sabiex ikun jista' jopera bħala vendor ħdejn il-Ġublew tal-Fidda kull nhar ta' Ħadd, fejn joffri mqaret, ħelu, soft drinks, qubbajd kif ukoll ħelu staġjonali. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera qablu ma' din it-talba, iżda talbu sabiex jiġi speċifikat b'mod ċar il-post eżatt fejn ser ikun imwaqqaf il-vendor. Għaldaqstant, ser tintbagħat email sabiex is-Sur Caruana jidentifika l-post preċiż propost. |
| 04.03.14 | Is-Sindku Marco Agius kompla billi qara lment mingħand is-Sur Cauchi, fejn ġie rrappurtat li hemm numru kbir ta' karozzi deħlin u ħerġin minn ġewwa Verdala Barracks, u qed jinħoloq riskju fit-triq.<br><br>Is-Sur Cauchi ppropona li ssir sleeping police sabiex titnaqqas il-veloċità u tiġi evitata kwalunkwe diżgrazzja. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li ssir fid-dħul ta' Verdala Barracks. |
| 04.03.15 | Email oħra mingħand is-Sur Tranchina fejn talab li jitneħħa bollard fi Triq San Ġorġ, kantuniera ma' Triq l-Oratorju, fejn hemm il-pavimentar, sabiex ikun jista' jddaħħal għamara.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li l-bollard tista' titneħħa, iżda għandu jiġi nnotifikat meta se jsir ix-xogħol sabiex titneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill. |
| 04.03.16 | Resident fi Triq Cetta Mintoff għamel talba sabiex issir rampa quddiem Blokk 6, Flat 5 fi Triq Cetta Mintoff. Din it-talba saret sabiex missieru ikun jista' jkollu aċċess aħjar biex jidħol u joħroġ mid-dar.<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma' din it-talba. |
| 04.03.17 | Is-Sindku ddiskuta l-proġett tas-CSS, li għalih inkisbu €39,000, fejn ser ikunu qed jinxtraw aktar fanali għat-toroq ġewwa Bormla. |
| 04.03.18 | Is-Sindku ddiskuta wkoll il-possibbiltà li jsir kuntatt mal-perit rigward iż-żona ta' Triq Alessandra. Se jkun qed jiġi kkuntattjat il-perit sabiex titħejja pjanta tal-area. |
| 04.03.19 | Is-Sindku informa li l-artist li se jkun qed jaħdem fuq l-arkati nstab, u ppreżenta numru ta' ritratti li għadhom qed jintgħażlu (madwar 10). Huwa żied li, hekk kif ikun hemm aktar informazzjoni, se jinforma lill-kunsilliera dwar liema ritratti jkunu ġew magħżula sabiex jiġu evalwati u kkonfermati jekk jaqblux. |

| | |
|---|---|
| **04.04** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 04.04.01 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-magna AED li kienet tneħħiet minn postha.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li kienet tkellmet mas-sid tal-ispiżerija, li qabel li huwa stess se jerġa' jinstalla l-magna f'postha. |
| 04.04.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar l-użu tal-pool ġewwa l-isports complex. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li jistgħu jiġu l-kunsill biex jirreġistraw, u mbagħad ninfurmaw lis-Sports Complex. |
| 04.04.03 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa dwar ix-xogħlijiet fi Triq Karmenu Mifsud Bonnici. Is-Sindku kkonferma li x-xogħol jinsab lest għall-applikazzjoni tat-tarmac.<br><br>Huwa ssuġġerixxa wkoll li tiġi spjegata s-sitwazzjoni lir-residenti, sabiex jifhmu aħjar għaliex qed iseħħ parkeġġ mhux xieraq, minħabba li diversi toroq fl-istess żona qed jinħadmu fl-istess ħin.<br><br>Is-Sindku kkonkluda li, min-naħa tal-Kunsill, mhux possibbli li jitwaqqaf l-uffiċjal milli joħroġ ċitazzjonijiet. |
| 04.04.04 | Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet ukoll rigward Triq San Ġwann minħabba l-istat tal-bankini. Is-Sindku Marco Agius ikkonferma li din it-triq ukoll tinsab imsemmija ma' Infrastructure Malta.<br><br>Huwa żied li hekk kif ikollu aktar informazzjoni, jerġa' jikkomunika magħhom. |
| **04.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 04.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-Iskeda Numru 04 għad-disa' leġiżlatura u l-petty cash ta' Marzu 2026. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Glauber Spiteri ippropona l-approvazzjoni tal-Iskeda Numru 04 għad-disa' leġiżlatura, filwaqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva wkoll il-petty cash ta' Marzu, u l-Kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |
| **04.06** | **Mozzjonijiet / Rakommandazzjonijiet** |
| 04.06.01 | Mozzjoni numru 11:<br><br>Suġġett: Heritage Malta Passport<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella ressaq inizjattiva għall-attenzjoni tal-Kunsill, fejn irrakkomanda li ssir kampanja fuq bażi lokali sabiex jiġu mħeġġa l-anzjani ta' 60 sena u aktar sabiex jiġu l-Kunsill u japplikaw għall-Malta Heritage Passport.<br><br>Huwa ssuġġerixxa wkoll li wara din l-inizjattiva jibdew jiġu organizzati ħarġiet kulturali darba fix-xahar jew skont kif jitqies l-aktar xieraq. Din il-proposta ġiet imressqa fuq talba ta' diversi residenti.<br><br>Proponent : Martin Vella<br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Il-kunsilliera prezenti qablu. |
| 04.06.02 | Mozzjoni numru 12:<br>Suġġett – Kite Festival<br>Nixtieq li tiġi organizzata ġimgħa ta' workshop għat-tfal sabiex jitgħallmu kif jagħmlu tajra, u mbagħad tinstab ġurnata fejn it-tajra tittajjar. Jista' wkoll jiġi kkunsidrat li ssir komunikazzjoni mal-Scouts Group u l-iskejjel ġewwa Bormla sabiex jikkollaboraw f'din l-inizjattiva.<br><br>Proponent: Martin Vella<br>Sekondant: Glauber Spiteri<br>Il-kunsilliera preżenti qablu. |

| | |
|---|---|
| 04.06.03 | Rakkomandazzjoni<br><br>Is-Sindku Marco Agius irrakkomanda li tinħareġ linja gwida għall-ħaddiema tal-Kunsill li joħorġu permessi, minħabba li qed iseħħu diversi sitwazzjonijiet fejn hemm nuqqas ta' gwida ċara.<br>Il-Kunsilliera qablu li, ħdejn l-iskejjel, il-permessi għandhom jinħarġu mill-9:00 a.m. 'il quddiem.<br>Ġie maqbul ukoll li fi Triq l-Oratorju u Triq John Pace ma jinħarġux aktar minn permess wieħed kuljum.<br>Fil-każ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, għandu dejjem ikun hemm uffiċjal preżenti. |
| 04.06.04 | Rakkomandazzjoni:<br>Il-Kunsilliera Rita Gatt ipproponiet li tiġi organizzata ġurnata f'Għawdex fix-xahar ta' Ġunju. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.<br><br>Għaldaqstant, se jkun qed jiġi ppjanat jekk l-attività ssirx filgħodu jew filgħaxija. Din se terġa' tiġi diskussa aktar 'il quddiem meta jkun hemm aktar informazzjoni disponibbli. |
| **04.07** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 04.07.01 | Is-seduta ġiet terminata fid-19:00 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju, fis-16:30. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv